MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 94/2005

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fir-Registru taz-Zwigijiet Valletta, Malta, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta' l-Iskrizzjoni sitta u erbghin zbarra elfejn (46/2001) vide Dok A;

Peress illi l-konvenut, li hu cittadin Sirjan izzewweg lill-attrici sempliciment sabiex jottjeni l-freedom of movement u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta taz-zwieg maghha.

Peress illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett stante li kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mmizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Peress illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Peress illi z-zwieg tal-partijiet mhux ikkunsmat.

Peress illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f), u l-Artikli 19 A (1) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kkuntrattat fit-13 ta' Jannar 2001 huwa null in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1], u l-Artikolu 19A tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

**Kwadru tal-fatti**
Mill-provi rrizulta li persuna ta' nazzjonalita' Maltija kienet laqqet lill-attrici, li dak iz-zmien kien ghad kellha sbatax [17] il-sena, mal-konvenut li huwa ta' nazzjonalita' Sirjana. Wara xi tlett xhur jiffrekwentaw lil xulxin, il-konvenut ipproponielha li tizzewwgu peress li Malta kienet tghogbu u kien jixtieq jghix Malta. L-attrici tghid li hija kienet izzewgitu bil-hsieb genwin li tghix il-hajja matrimonjali mal-konvenut, izda hekk kif dawn izzewgu, dak in-nhar stess, il-konvenut mar jghix f' appartament mikri u li fih kienu jghixu wkoll hbieb tieghu ta' nazzjonalita' Gharbija. L-attrici kienet irrifijutat li tmur tghix fl-imsemmi appartament flimkien mal-hbieb tal-konvenut u marret tghix mal-habiba taghha. Sussegwentement, nonostante tentattivi da parti ta' l-attrici, il-konvenut baqa' ma kkuntattjax lill-attrici bir-rizultat li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm hajja matrimonjali, lanqas il-bidu taghha. L-attrici ssostni katergorikament li z-zwieg ma kienx gie kkunsmat, u tghid li huma qatt ma kellhom x' jaqsmu sesswalment bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess jirrizulta car li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali mal-attrici, u l-

iskop uniku tieghu kien li jakkwista c-cittadinanza Maltija. Di fatti jirrizulta li z-zwieg ma giex konsumat.

Ghaldaqstant f' dan il-kaz jikkonfigura il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[[1] tal-imsemmi Kap, stante li b' att pozittiv tal-volonta' tieghu l-konvenut, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu, internament eskluda dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, anzi eskluda z-zwieg fih innifsu;  kif ukoll tirrizulta r-raguni ta' l-annullament kontemplata fl-Artikolu 19A tal-istess Kap. stante li jirrizulta car li l-konvenut bil-komportament tieghu kien irrifjuta li jikkonsuma z-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija sostnuta minn provi sodisfacenti u hija gustifikata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kkuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Jannar 2001 in bazi ghall-Artikoli precitati; u konsegwenzjalment tordna d-debita annotazzjoni fuq l-Att taz-Zwieg numru 46 tas-sena 2001.

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------